



8.11.2017

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonossiment reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska (COM(2016)0819 – C8-0002/2017 – 2016/0412(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Fulvio Martusciello

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jstieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

**Proposta għal regolament  
Premessa 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, diversi atti legali tal-Unjoni dwar is-swiegq finanzjarji jipprovdu għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska bħala sanzjonijiet għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-kooperazzjoni transfruntiera effettiva tal-grati kriminali u bejn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra hija kruċjali għall-istabilità, u l-fiduċja fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni.*

### Emenda 2

**Proposta għal regolament  
Premessa 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) Billi r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska fl-Unjoni huwa pass importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità, ammont konsiderevoli ta' assi qed jinżammu f'pajjiżi terzi barra mill-Unjoni, mingħajr ma jiġu rappurtati jew intaxxati. L-introduzzjoni ta' pjan komprensiv li jiskoraġġixxi trasferimenti ta' assi lejn pajjiżi terzi u l-fatt li jinstab mod effettiv biex jiġu rkuprati jirrappreżenta pass kbir 'il quddiem.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 12

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Huwa importanti li jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ta' proprjetà billi jiġu stabbiliti regoli li jobbligaw lil Stat Membru jirrikonoxxi u jeżegwixxi fit-territorju tiegħu ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 13

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament **għandu** japplika għall-ordnijiet kollha ta' konfiska imposti minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali u għall-ordnijiet kollha ta' ffriżar maħruġa fid-dawl tal-possibbiltà ta' konfiska sussegwenti. Għalhekk jenħtieġ li dan ikopri t-tipi kollha ta' ordnijiet koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll tipi oħrajn ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna definittiva fi ħdan il-qafas tal-proċedimenti kriminali. **Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkunx japplika għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti ċivili jew amministrattivi.**

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 14

###### *Emenda*

(12) Huwa importanti li jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ta' proprjetà billi jiġu stabbiliti regoli li jobbligaw lil Stat Membru jirrikonoxxi u jeżegwixxi fit-territorju tiegħu ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, **ċivili u amministrattivi.**

###### *Emenda*

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-ordnijiet kollha ta' konfiska imposti minn qorti **jew minn awtorità kompetenti** b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali, **ċivili jew amministrattiv** u għall-ordnijiet kollha ta' ffriżar maħruġa fid-dawl tal-possibbiltà ta' konfiska sussegwenti. Għalhekk jenħtieġ li dan ikopri t-tipi kollha ta' ordnijiet koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll tipi oħrajn ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna definittiva fi ħdan il-qafas tal-proċedimenti kriminali, **ċivili u amministrattivi.**

(14) Jenħtieġ li dan ir-Regolament **għandu jkopri** ordnijiet ta' konfiska u ta' ffriżar relatati ma' reati koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll ordnijiet relatati ma' reati oħrajn. Għaldaqstant, ir-reati ma għandhomx ikunu limitati għall-oqsma ta' **attività** kriminali partikolarment gravi b'dimensjoni transfruntiera, peress li l-Artikolu 82 tat-TFUE ma jimponix tali limitazzjoni għal miżuri li jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali.

(14) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri ordnijiet ta' konfiska u ta' ffriżar relatati ma' reati koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll ordnijiet relatati ma' reati oħrajn. Għaldaqstant, ir-reati ma għandhomx ikunu limitati għall-oqsma ta' **attivitàjiet** kriminali partikolarment gravi b'dimensjoni transfruntiera, peress li l-Artikolu 82 tat-TFUE ma jimponix tali limitazzjoni għal miżuri li jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali. **Frodi tat-taxxa, frodi tat-taxxa aggravata u evażjoni tat-taxxa, pereżempju, jikkostitwixxu b'mod partikolari reati transfruntiera serji li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' reati koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba li f'ċertu Stati Membri tali reati mhumix punibbli b'sentenza ta' kustodja ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin, l-ammont massimu ta' kustodja għandu jitnaqqas għal sentejn għal dawk ir-reati speċifiċi.**

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 18

(18) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi applikat b'kunsiderazzjoni għad-Direttivi 2010/64/EU<sup>30</sup>, 2012/13/EU<sup>31</sup>, 2013/48/EU<sup>32</sup>, 2016/343<sup>33</sup>, 2016/800<sup>34</sup> u 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup>, li jikkonċernaw drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali.

(18) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi applikat b'kunsiderazzjoni għad-Direttivi 2010/64/EU<sup>30</sup>, 2012/13/EU<sup>31</sup>, 2013/48/EU<sup>32</sup>, 2016/343<sup>33</sup>, 2016/800<sup>34</sup> u 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup>, li jikkonċernaw drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali, **u atti legali tal-Unjoni dwar is-swieq finanzjarji. Fejn konfiski mingħajr kundanna jikkostitwixxu konfiski preventivi b'segwitu għal proċedimenti b'rabta ma' attivitàjiet kriminali, huwa ferm importanti li jkun żgurat li jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet**

*stretti: konfiski li ma jkunux ibbażati fuq kundanna jenħtieġ li jkunu imposti biss kontra lista finita ta' miri possibbli identifikati mil-liġi, bħal persuni ssuspettati fuq kriminalità organizzata jew terroriżmu; il-prosekuzzjoni se jkollha tagħti prova li l-provenjenza tal-proprjeta ma tistax tiġi ġġustifikata u li l-proprjeta li għandha tiġi konfiskata hija jew sproporzjonata fir-rigward tad-dħul iddikjarat jew tal-attività mwettqa jew hija ta' oriġini illeċita jew ir-riżultat ta' investment mill-ġdid ta' rikavati minn attività kriminali; u għandhom ikunu fis-seħħ salvagwardji proċedurali effettivi sabiex jiġi żgurat li l-miri ta' konfiski mhux ibbażati fuq kundanna kriminali jkollhom id-dritt għal proċess ġust u d-dritt għal rimedju effettiv u li l-preżunzjoni ta' innoċenza tagħhom tiġi rispettata.*

---

<sup>30</sup> Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

<sup>31</sup> Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

<sup>32</sup> Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

<sup>33</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tishiġ ta' ċerti

---

<sup>30</sup> Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

<sup>31</sup> Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

<sup>32</sup> Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

<sup>33</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tishiġ ta' ċerti

aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

<sup>34</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

<sup>35</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p.1).

aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

<sup>34</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

<sup>35</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p.1).

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru għandu jirrikonoxxi u jwettaq fit-territorju tiegħu ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) "ordni ta' konfiska" tfisser penali jew miżura finali imposta minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali, li tirriżulta fl-ipprivar definittiv ta' proprjetà minn persuna fiżika

#### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru għandu jirrikonoxxi u jwettaq fit-territorju tiegħu ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, ***ċivili u amministrattivi***.

#### *Emenda*

(1) "ordni ta' konfiska" tfisser penali jew miżura finali imposta minn qorti ***jew awtorità kompetenti*** b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali, ***ċivili jew amministrattiv***, li tirriżulta fl-

jew ġuridika;

ipprivar definittiv ta' proprjetà minn persuna fiżika jew ġuridika;

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) "rikavat" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta, direttament jew indirettament, minn reat kriminali; dan jista' jikkonsisti minn kwalunkwe forma ta' proprjetà u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew kwalunkwe trasformazzjoni ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur li jsiru sussegwentement;

#### *Emenda*

(4) "rikavat" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta, direttament jew indirettament, minn reat kriminali, **ċivili jew amministrattiv**; dan jista' jikkonsisti minn kwalunkwe forma ta' proprjetà u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew kwalunkwe trasformazzjoni ta' rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta' valur li jsiru sussegwentement;

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) "mezzi strumentali" tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali jew **reati kriminali**;

#### *Emenda*

(5) "mezzi strumentali" tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali, **ċivili jew amministrattiv**;

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) "Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru li fih hargħet ordni ta' ffriżar jew ordni ta' konfiska fil-qafas ta' proċedimenti

#### *Emenda*

(6) "Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru li fih hargħet ordni ta' ffriżar jew ordni ta' konfiska fil-qafas ta' proċedimenti



kriminali;

kriminali, *ċivili u amministrattivi*;

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a – punt 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definit mill-Istat emittenti li għandha l-kompetenza fi proċedimenti kriminali biex tordna l-iffriżar ta' proprjetà jew li teżegwixxi ordni ta' ffriżar skont il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, qabel ma tiġi trażmessa lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, l-ordni ta' ffriżar għandha tiġi vvalidata, wara l-eżaminazzjoni tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali ordni taħt dan ir-Regolament, partikolarment il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1), minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti. Fejn l-ordni tkun ġiet ivvalidata minn tali awtorità, dik l-awtorità tista' titqies ukoll bħala awtorità emittenti għall-finijiet tat-trażmissjoni tal-ordni;

##### *Emenda*

(2) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definit mill-Istat emittenti li għandha l-kompetenza fi proċedimenti kriminali, *ċivili u amministrattivi* biex tordna l-iffriżar ta' proprjetà jew li teżegwixxi ordni ta' ffriżar skont il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, qabel ma tiġi trażmessa lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, l-ordni ta' ffriżar għandha tiġi vvalidata, wara l-eżaminazzjoni tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali ordni taħt dan ir-Regolament, partikolarment il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1), minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti. Fejn l-ordni tkun ġiet ivvalidata minn tali awtorità, dik l-awtorità tista' titqies ukoll bħala awtorità emittenti għall-finijiet tat-trażmissjoni tal-ordni;

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fir-rigward ta' ordni ta' konfiska, awtorità kompetenti kif *definit* mill-Istat emittenti li, fi proċedimenti kriminali, għandha l-kompetenza li tinforza ordni ta' konfiska maħruġa minn qorti skont il-liġi nazzjonali;

##### *Emenda*

(b) fir-rigward ta' ordni ta' konfiska, awtorità kompetenti kif *definita* mill-Istat emittenti li, fi proċedimenti kriminali, *ċivili jew amministrattivi*, għandha l-kompetenza li tinforza ordni ta' konfiska maħruġa minn qorti skont il-liġi nazzjonali;

## Emenda 14

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- *attività kriminali relatata mal-  
informatika,*

*Emenda*

– *ċiberkriminalità;*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- *razziżmu u ksenofobija,*

*Emenda*

- *razziżmu, ksenofobija u  
antisemitiżmu,*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 21a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- *abbuż tas-suq,*

*Emenda*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 21b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- *manipulazzjoni tal-indiċi użati  
bħala parametri referenzjarji fi strumenti  
finanzjarji u f'kuntratti finanzjarji jew  
dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta'  
investment,*

*Emenda*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 21c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- *manipulazzjoni tas-swieq fi strumenti finanzjarji,*

## **Emenda 19**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska għandha tagħti lok għal eżekuzzjoni mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-aġir jekk l-aġir li ta lok għall-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska jikkostitwixxi wieħed jew aktar mir-reati li ġejjin, kif definit mil-liġi tal-Istat emittenti, u huwa punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja ta' massimu ta' mill-inqas sentejn:*

- *frodi tat-taxxa,*
- *frodi tat-taxxa aggravata,*
- *evażjoni tat-taxxa.*

## **Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 dwar l-aġġornament regolari tal-lista ta' reati fil-paragrafu 1.*

## **Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) jekk, f'każ imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-kondotta li fuqha tkun ibbażata l-ordni ta' konfiska ma tikkostitwixxix reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dazji doganali u kambju, l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska ma tistax tiġi rifjutata għar-raġuni li l-liġi fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess xorta ta' taxxa jew dazju jew ma fihix l-istess tip ta' regoli għal dak li għandu x'jaqsam ma' taxxi, dazji, dazji doganali u regolamenti ta' kambju bħal-liġi tal-Istat emittenti;

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, qabel tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew ma twettaqx l-ordni ta' konfiska, kompletament jew parzjalment, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq, u għandha, meta jkun il-każ, titlob biex l-awtorità emittenti tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Madankollu, dan il-punt għandu japplika biss meta dan il-mandat ikollu l-prijorità fuq mandati oħra sussegwenti

*Emenda*

(f) jekk, f'każ imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-kondotta li fuqha tkun ibbażata l-ordni ta' konfiska ma tikkostitwixxix reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dazji doganali u kambju, l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska ma tistax tiġi rifjutata għar-raġuni li l-liġi fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess xorta ta' taxxa jew dazju jew ma fihix l-istess tip ta' regoli ***jew reati*** għal dak li għandu x'jaqsam ma' taxxi, dazji, dazji doganali u regolamenti ta' kambju bħal-liġi tal-Istat emittenti;

*Emenda*

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, qabel tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew ma twettaqx l-ordni ta' konfiska, kompletament jew parzjalment, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq ***li jkun jista' jipproduċi rekord bil-miktub***, u għandha, meta jkun il-każ, titlob biex l-awtorità emittenti tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

għall-iffriżar fi proċedimenti kriminali skont il-liġijiet nazzjonali.

għall-iffriżar fi proċedimenti kriminali, **ċivili jew amministrattivi** skont il-liġijiet nazzjonali.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jamministra l-proprjetà ffriżata jew ikkonfiskata bil-ħsieb li jiġi evitat id-deprezzament tagħha fil-valur, u skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/42/UE.

*Emenda*

1. L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jamministra l-proprjetà ffriżata jew ikkonfiskata bil-ħsieb li jiġi evitat id-deprezzament tagħha fil-valur, u skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/42/UE. ***Valutazzjoni xierqa tal-merkanzija kollha kkonfiskata għandha titwettaq mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Sabiex tiġi garantita s-sigurtà ta' assi soġġetti għal qbid jew konfiska, l-awtorità ġudizzjarja tista' tuża professjonisti legali fdati b'funzjonijiet pubbliċi, bħan-nutara.***

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jekk l-ammont miksub mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska huwa aktar minn EUR 10 000, **50** % tal-ammont għandu jiġi ttrasferit mill-Istat ta' eżekuzzjoni lill-Istat emittenti.

*Emenda*

(b) jekk l-ammont miksub mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska huwa aktar minn EUR 10 000, **75** % tal-ammont għandu jiġi ttrasferit mill-Istat ta' eżekuzzjoni lill-Istat emittenti, ***bi tnaqqis tal-ispejjeż tal-eżekuzzjoni tal-ordni tal-konfiska mingħajr ma jinqabżu l-50 % tal-ammont.***

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew b'kumpilazzjoni tal-istatistika miġbura u akkumpanjat b'analiżi komparattiva.***

## **Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu -1 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***-1. Sa ... [sena mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-istatistika li tirtirrigwarda, u l-impatt ta', ordnijiet ta' konfiska preventiva u l-konsegwenzi fuq il-kooperazzjoni transfruntiera fil-każ tal-estensjoni ta' tali ordnijiet għall-Istati Membri kollha.***

## **Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Anness I – taqsima H – punt 3 – inċiż 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***- attività kriminali relatata mal-informatika,***

***– ċiberkriminalità;***

## **Emenda 29**

**Proposta għal regolament  
Anness I – taqsima H – punt 3 – inċiż 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- razzizzmu u *ksenofobija*

*Emenda*

- razzizzmu, *ksenofobija* u *antisemitiżmu*

### **Emenda 30**

**Proposta għal regolament  
Anness I – taqsima H – punt 3 – inċiż 21a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- abbuż tas-suq,*

### **Emenda 31**

**Proposta għal regolament  
Anness I – taqsima H – punt 3 – inċiż 21b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- manipulazzjoni tal-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u f'kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investment,*

### **Emenda 32**

**Proposta għal regolament  
Anness I – taqsima H – punt 3 – inċiż 21c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- manipulazzjoni tas-swieq fi strumenti finanzjarji,*

### **Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Anness I – taqsima H – punt 3a (ġdid)**

**3a. Ir-reat li għalih inħarġet l-ordni ta' konfiska huwa punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-inqas sentejn kif definit mil-liġi tal-Istat emittenti u inkluż fil-lista ta' reati li tinsab hawn taħt? (jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti)**

- ***frodi tat-taxxa,***
- ***frodi tat-taxxa aggravata,***
- ***evażjoni tat-taxxa.***





## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska	
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0819 – C8-0002/2017 – 2016/0412(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE	13.2.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON	13.2.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Fulvio Martusciello	11.4.2017
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.9.2017	9.10.2017
<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.11.2017	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 39	–: 1
	0:	2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Hugues Bayet, Pervenche Berès, Esther de Lange, Markus Ferber, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Petr Ježek, Wajid Khan, Georgios Kyrtos, Werner Langen, Bernd Lucke, Olle Ludvigsson, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Bernard Monot, Luděk Niedermayer, Anne Sander, Alfred Sant, Molly Scott Cato, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Paul Tang, Ramon Tremosa i Balcells, Marco Valli	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Enrique Calvet Chambon, Mady Delvaux, Eva Joly, Jan Keller, Alain Lamassoure, Thomas Mann, Miguel Urbán Crespo, Lieve Wierinck	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Durand, Maria Heubuch, Carlos Iturgaiz, Gabriele Preuß	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>39</b>	<b>+</b>
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Petr Ježek, Ramon Tremosa i Balcells, Lieve Wierinck
EFDD	Marco Valli
GUE/NGL	Miguel Urbán Crespo
PPE	Esther de Lange, Markus Ferber, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Carlos Iturgaiz, Georgios Kyrtzos, Alain Lamassoure, Werner Langen, Thomas Mann, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Luděk Niedermayer, Anne Sander, Theodor Dumitru Stolojan
S&D	Hugues Bayet, Pervenche Berès, Mady Delvaux, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Jan Keller, Wajid Khan, Olle Ludvigsson, Gabriele Preuß, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Paul Tang
VERTS/ALE	Pascal Durand, Maria Heubuch, Eva Joly, Molly Scott Cato

<b>1</b>	<b>-</b>
ENF	Bernard Monot

<b>2</b>	<b>0</b>
ECR	Bernd Lucke, Kay Swinburne

Key to symbols:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni